MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Avviz Numru. 344/2013

**Bartoli Brothers Limited C16827**

**vs**

**Mark Pace**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici nhar il-31 ta' Ottubru 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas a favur tas-socjeta' attrici

s-somma ta’ hamest elef, mitejn u tliet Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€5,203.77) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta’ oggetti ossia “foodstuffs” mibghuta u kkonsenjati lilu mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tieghu stess u dan kif indikat fil-fattura kopja annessa u mmarkata Dok. A, fl-ammont ta’ erbat elef, seba’ mija u tliet ewro u sebgha u sebghin centezmi (€4,703.77) oltre hames mitt ewro (€500) li gew minnu avvanzati permezz ta’ cekk, liema cekk pero’ ma ssarrafx minhabba nuqqas ta’ fondi fil-kont tieghu. Dan l-ammont gie minnu ammess bhala cert, likwidu u dovut u skond l-istess konvenut baqa’ pendenti provizorjament minhabba nuqqas ta’ likwidita’. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut gie debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Julian Caruana datata 17 ta’ Marzu 2014 fejn thalliet kopja tar-rikors promotur u tal-avviz tas-smiegh fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta’ attrici, fil-Kunsill Lokali ta’ Hal Tarxien kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Hal Tarxien (fol. 13 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat bir-rikors promotur permezz ta’ publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar l-1 ta’ April 2014 (fol 19) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent nhar it-3 ta’ April 2014 (fol 21).

Rat illi fis-seduta tad-9 ta’ April 2014 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tad-9 ta’ April 2014.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta’ April 2014 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef, mitejn u tliet Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€5,203.77) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru mid-data tal-ewwel notifika tar-rikors promotur kontra l-konvenut.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------